# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-8 ta' April 2024**

**Talba nru. 345/2023 IS**

**VODAFONE MALTA LIMITED illum EPIC COMMUNICATIONS LIMITED (C 10865)**

***VERSUS***

**AMANDA FARRUGIA (I.D. 386586 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2023 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta΄ attriċi talbet l-ammont ta΄ elf disa' mija u għaxar Ewro u sittax-il ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1910.16) rappreżentanti servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet bin-numri 1.11057014 u 1.11051278 illi kienet tat lill-konvenuta bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-25 ta' Settembru 2023 fejn is-soċjeta΄ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tal-konvenuta (a fol. 8).

Ra illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Ottubru 2023 (a fol. 13).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ammissjoni (a fol. 16).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kienet ir-relazzjoni bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenuta. Huwa fatt mhux kontestat illi l-konvenuta kellha żewġ kontijiet mas-soċjeta' attriċi bin-numri 1.11057014 u 1.11051278 (a fol. 4 sa 6).

Dan it-Tribunal ħares lejn l-ammissjoni ippreżentata mill-konvenuta ippreżentata fil-11 ta' Diċembru 2023 (a fol. 16). Jidher f'din l-imsemmija ammissjoni illi l-konvenuta qed tammetti wkoll li tħallas l-ispejjeż relattivi b'dan illi pero' tali ammissjoni tipprovdi wkoll illi l-partijiet qablu illi m'għandux jiddekorri ebda imgħax. Dan it-Tribunal ma setax isib tali affermazzjoni bil-miktub fil-verbal datat 11 ta' Diċembru 2023 b'dan illi pero' jiddikjara illi kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet għandu jgħodd u jekk il-partijiet jaqblu li ma jkunx hemm imgħax u jkun hekk ippruvat, dan it-Tribunal ma jsib ebda oġġezzjoni li ma jkunx hemm l-imgħax.

F'każ illi ma kienx hekk miftiehem, dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data tal-fattura relative hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' elf disa' mija u għaxar Ewro u sittax-il ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1910.16) rappreżentanti servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet bin-numri 1.11057014 u 1.11051278 illi kienet tat lill-konvenuta bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv b'dan illi pero' jekk is-soċjeta' attriċi ftehmet mal-konvenuta illi ma jkunx hemm tali imgħax dan it-tali imgħax m'ghandux hekk jiddekorri.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur